**RULING MILL-ISPEAKER L-ONOR. ANĠLU FARRUGIA, FIS-SEDUTA 269 TAD-29 TA' OTTUBRU 2024 DWAR IMĠIBA TAL-BARRANIN FIL-GALLARIJA TAL-PUBBLIKU**

Is-Sedja tagħmel referenza għall-inċidenti spjaċevoli li nqalgħu minn grupp ta' persuni fil-gallarija tal-pubbliku matul is-seduta tal-bieraħ, li fiha l-Ministru għall-Finanzi kien qiegħed jagħmel id-diskors tal-budget għas-sena 2025, u bla riżervi mill-ewwel tikkundanna dan l-aġir deplorabbli minn persuni ammessi fl-Istrangers' Gallery.

Dawn l-inċidenti seħħew fil-gallarija bi dritt is-Sedja u d-diżordni kienet tinkludi storbju, dendil ta' banner minn ġol-gallarija għal ġos-Sala tal-Parlament bi kliem ta' protesta għal żvilupp ippjanat, maskri li jgħattu l-uċuħ u reżistenza għall-ordnijiet mogħtija lilhom diversi drabi minn uffiċjali tal-Kamra.

Is-Sedja tinnota illi l-uffiċjali tas-sigurtà tal-Parlament ikkonfermaw l-identità ta' dawn il-persuni mad-dettalji mogħtija minnhom, iżda żżid li l-aċċess għall-gallarija li ntalab minnhom jidher li kien fuq bażi qarrieqa fejn ippreżentaw ruħhom bħala 'studenti tal-MCAST'.

Is-Sedja tinnota wkoll li qabel ma beda l-qari tad-Diskors tal-Baġit, abbażi tal-Ordni Permanenti 166 li jgħid illi: "Barranin fil-Kamra għandhom joqogħdu xuxa u joqogħdu siekta u ma għandhom juru ebda approvazzjoni jew diżapprovazzjoni", is-Sedja espressament ikkawtelat lill-persuni preżenti fl-Istrangers Gallery biex ma juru ebda sinjal ta' approvazzjoni jew diżapprovazzjoni kif tagħmel meta tinnota li jkun hemm numru mdaqqas ta' persuni fil-gallarija. Hawn ser nikkwota kelma b'kelma l-kawtela:

> "Qabel insejjaħ lill-Ministru għall-Finanzi biex iressaq il-mozzjoni numru 306 biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista li tidher fuq l-aġenda, bi pjaċir ninnota li għandna numru ta' nies isegwu din is-seduta mill-Istrangers' Gallery. Huwa ta' pjaċir nilqgħu fostna membri mill-pubbliku però rrid infakkar li kif stipulat fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, il-barranin fil-Kamra għandhom joqogħdu siekta, u m'għandhom juru ebda approvazzjoni jew diżapprovazzjoni fl-ebda stadju tas-seduta. F'każ ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti, ma jkollix triq oħra ħlief li nitlobhom jirtiraw mill-Gallarija."

Il-persuni inkwistjoni kisru din l-ordni tas-Sedja u anke dispożizzjonijiet oħra tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113 tal-Liġijiet ta' Malta, inpartikolari l-paragrafu (4) tal-artikolu 11 li jiddefinixxi dawk l-atti li huma meqjusa bħala reati taħt dan l-istess Att, u ser niċċita d-dispożizzjonijiet relattivi:

...

(ċ) kull ksur ta' regolamenti, ordnijiet jew direzzjonijiet magħmulin jew mogħtijin mill-Kamra dwar id-dħul ta' barranin fis-Sala tal-Kamra u l-imġiba tagħhom hemm ġew;

(d) kull min jaħbat għal Membru, ifixklu jew jinsultah fil-waqt li jkun sejjer jew ġej lura mill-Kamra jew minħabba d-dmirijiet tiegħu fil-Kamra, jew kull min, b'forza, b'insult jew b'theddid, ifittex li jġiegħel Membru illi jiddikjara ruħu favur jew kontra proposta jew xi ħaġa li tkun għadha miexja jew li tkun sejra tinġieb quddiem il-Kamra;

…

(f) kull min jaħbat għal uffiċjal tal-Kamra, jew jindaħal fid-dmirijiet tiegħu jew jagħmillu reżistenza fil-waqt li dan ikun qiegħed jaqdi jew minħabba li jkun qeda d-dmirijiet tiegħu;

(g) kull min iqajjem jew jieħu sehem fi storbju fil-Kamra jew fil-qrib tas-Sala tal-Kamra, jew ġewwa fiha stess, fil-waqt ta' laqgħa tal-Kamra, b'mod li minħabba f'hekk il-proċedimenti tal-Kamra jitwaqqfu jew x'aktarx ikollhom jitwaqqfu;

Is-Sedja, wara li rat dan kollu, u wara li stħarrġet l-inċident tal-bieraħ, jirriżultalha li minkejja li sar l-iscreening li normalment isir ta' kull persuna li tidħol fil-Parlament, inkluż verifika tal-identità, ċerti oġġetti li ntużaw minn dawn il-persuni fil-waqt tad-diżordni ma mmarkawx u allura ma tawx lok għal xi azzjoni f'dak il-waqt. Dan għaliex ma ġiet identifikata ebda arma, ebda oġġett tal-metall jew oġġett ieħor ipprojbit milli jiddaħħal fil-bini tal-Parlament u għaldaqstant il-persuni kkonċernati tħallew jidħlu bil-basktijiet tagħhom.

Lis-Sedja jirriżultalha wkoll li uffiċjali tal-Parlament li kienu qegħdin jaqdu d-doveri tagħhom meta nqalgħet id-diżordni saħansitra weġġgħu, anke jekk b'mod ħafif, minħabba li l-persuni indikati rreżistew milli jobdu l-istruzzjonijiet li kienu qegħdin jingħatawlhom. Ma hu aċċettabbli qatt li uffiċjal pubbliku jiġi mxekkel b'dan il-mod fil-qadi ta' dmirijietu.

Is-Sedja tagħraf ukoll ir-responsabilità illi għandha li f'kull ħin tissalvagwardja l-benesseri tal-Membri Parlamentari, uffiċjali u kull persuna li tkun qiegħda fil-binja tal-Parlament. Konsegwenza ta' dan is-Sedja ħassitha obbligata illi tirrevedi l-miżuri ta' sigurtà li japplikaw għal Barranin li jkunu qegħdin isegwu l-Parlament mill-gallarija tal-pubbliku. Minkejja li s-Sedja tirrikonoxxi s-setgħa li għandha li tirregola d-dħul fil-gallarija tal-pubbliku, ħasset li kellha tara wkoll ir-regoli tal-House of Commons tar-Renju Unit, u dan kif previst fl-Ordni Permanenti 197.

Għaldaqstant dawn il-miżuri ser ikunu introdotti wara li s-Sedja stħarrġet il-prassi li hi segwita fil-Parlament Ingliż fejn fuq il-website tal-istess Parlament, fis-sezzjoni dwar 'Security information' jingħad illi "to keep Parliament safe for everyone, we have security measures that need to be followed", fosthom li ma jistgħu jitħallew jidħlu l-ebda "banners, placards and flags" kif ukoll "political or offensive slogan materials including clothing" fil-bini tal-Parlament, u allura wkoll fl-iStrangers' Gallery.

Is-Sedja rat ukoll ir-regoli sabiex persuna tkun ammessa fl-iStrangers' Gallery tal-House of Commons fis-sezzjoni 'Public Galleries', u nikkwota:

> "The public galleries in the House of Commons and the House of Lords are high above the debating chambers. You will be behind a glass screen in the House of Commons.
>
> You will need to hand in your bags and mobile phones before visiting the public galleries. We will store your personal items securely while you are in the public galleries.
>
> You may have to pass through an archway and be searched by a member of the security team."

Għalhekk b'effett immedjat is-Sedja qiegħda tordna illi kull persuna li tkun trid tidħol issegwi s-seduta mill-gallarija tal-pubbliku, b'żieda mal-fatt li din tgħaddi mill-iscanning fl-entratura tal-Parlament u tirreġistra mar-Reception billi turi wkoll dokument uffiċjali tal-identità, għandha tħalli basktijiet u oġġetti oħra, inkluż mobile phones, f'post sigur skont struzzjonijiet tal-Pulizija, u wieħed ikun jista' jeħodhom lura meta joħroġ mill-Parlament. Persuni li jonqsu

li jsegwu dawn l-istruzzjonijiet mhumiex ser jitħallew jaċċessaw il-gallarija tal-pubbliku. Is-Sedja tgħid dan mingħajr preġudizzju għas-setgħat li għandha li saħansitra tagħlaq il-gallarija tal-pubbliku jekk ikun hemm il-possibilità li jerġgħu jseħħu inċidenti simili.

Is-Sedja tifhem il-preokkupazzjoni ta' dawk il-persuni, inkluż mill-pubbliku, illi dan il-każ ċar fejn persuni ttradew lill-istess awtoritajiet huwa fih innifsu att ta' nuqqas ta' qima lejn l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż u l-istess Membri tagħha, fost oħrajn meta qalu li huma daħlu hemmhekk biex isegwu s-seduta tal-Parlament meta kellhom intenzjonijiet kompletament ulterjuri. Dan hu ksur tal-istess Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u liġijiet ta' Malta, senjatament l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ inkwistjoni, is-Sedja tirrileva b'mod ċar illi dan huwa każ *prima facie* ksur ta' privileġġ, senjatament il-paragrafi c, d, f u g tal-artikolu 11(4) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra, u mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li tista' tittieħed minn awtoritajiet oħra, qiegħda tirreferi l-każ lill-Kumitat tal-Privileġġi tal-Parlament, sabiex l-istess Kumitat tal-Privileġġi jara jekk hemmx każ ta' ksur ta' privileġġ.

Ir-ruling huwa deċiż.